MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 91/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**John (k.a. Ivan) Schembri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John (k.a. Ivan) Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 359267(M).

Akkuzat talli fid-29 ta’ Ottubru 2010, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;
1. ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt jew gighel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali jew weghdiet, jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b’xi mod li jkun,

xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitjiet, u cirkostanzi, ircieva jew accetta, xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa hekk kif imsemmi fis-subartikolu 1 tal-Artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li tkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew wehgdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:

i. tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
iii. tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:
Illi din il-kawza titratta fuq hrug ta’ licenzji tas-sewqan li kienu b’xi mod ma hargux regolarment. Fil-fatt il-prosekuzzjoni waslet ghall-imputat li kien jahdem l-ADT peress li xi erba’ min-nies kienu qalu li l-imputat kien ghenhom sabiex tinhargilhom din il-licenzja b’mod irregolari. Il-prosekuzzjoni rrizultalha wkoll li fil-faz tal-imputat, dan ma kienx jaghmel hekk ghall-flus izda semplicement biex jghin lin-nies. Fil-fatt il-ftit flus li kien johdilhom kienu biex ikopru l-ispejjez li kienu jikkoncernaw l-iprocessar tal-licenzja u ma kien izomm xejn ghalih. Imbaghad, skont il-prosekuzzjoni, l-imputat kien jghaddi r-rikjesta lil certu Francis Catania li kien jahdem hemm ukoll, u kien dan li jipprocessaha u johrog il-licenzja.

Xehdu diversi persuni bhal per ezempju Emanuel Zammit li xehed illi l-imputat ghenu jgib licenzja tal-mutur billi Zammit ghamel affidavit li kien tilef din il-licenzja; l-istess ghal George Mallia li kien ghamel affidavit li kien tilef il-licenzja tat-trakk ssabiex jottjeni din il-licenzja; kien hemm il-kaz ta’ Pauline Cauchi li kien kaz socjali ghaliex l-imputat allegatament ghinnha sabiex iggib il-licenzja tal-minibus peress li hi ma kelliex flus bizzejjed sabiex thallas l-ispejjez tal-licenzja; u fl-ahhar kien hemm Joseph Camilleri li spjega kif Ivan Schembri ghenu jgib il-licenzja tat-taxis. Ilkoll ikkonfermaw illi l-imputat qatt ma ried flus ghalih.

Xehed ukoll l-imputat fejn spjega x’kien ix-xoghol tieghu fi hdan l-ADT izda huwa nnega li ghamel xi haga hazina meta ghen lil dawk in-nies. Huwa cahad kategorikament illi kien jaf illi dawk in-nies mhux vera kienu tilfu l-licenzja li

riedu jgibu izda huwa qal illi dawn in-nies qalulu illi vera kienu tilfuha.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta’ Dr. Joseph Spiteri li huwa l-psikjatra tal-imputat Ivan Schembri u spjega kif hu jbati minn post-stress disorder wara accident li kellu fis-sena 1992. Huwa spjega li meta l-imputat ikun f’sitwazzjoni ta’ stress emozzjonali huwa jipprova jiskappa minnha u jipprova jsib l-aktar triq facli. Gab bhala ezempju meta kien qed jigi interrogat mill-pulizija u meta a differenza tax-xhieda tieghu kkorrobora dak li qalu x-xhieda quddiem il-Qorti u spjega li ghalih kienet aktar facli ikompli mal-pulizija u jghid dak li riedu minnu ssabiex jehles malajr.

Illi din il-Qorti, ghalkemm tapprezza l-istat mentali tal-imputat kif gie spjegat mill-psikjatra thoss illi ghalhekk la m’ghandha toqghod kompletament mal-istqarrija tal-imputat u l-anqas fuq ix-xhieda tieghu il-Qorti, ghaliex din ukoll setghet facilment ikkrejat sitwazzjoni ta’ stress fuqu u setgha ghalhekk jghid dak li ried minnu l-avukat tieghu. Ghalhekk huma importanti dak li qalu x-xhieda migjuba.

Ix-xhieda kollha kkonfermaw l-istess xenarju, li huma mhux vera kienu tilfu l-licenzja u huma marru ghandu l-imputat, spjegawlu s-sitwazzjoni u hu ghenhom billi hargilhom il-licenzja. Issa huwa fatt ukoll illi ta’ dan huwa ma hax l-ebda flus, li verament hija xi haga inuzwali izda pero` li tista’ ssib skuza minhabba l-istat mentali tal-imputat hekk kif spjegat mill-istess psikjatra.

Ghal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18; 42 (a), (b), (d); 108; 109; 121A (2); 185(1); 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **John (k.a. Ivan) Schembri** hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi biss u stante l-fatti hawn fuq dikjarati, il-Qorti thoss li ghandha tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Art 22 Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) u mir-raba’ (4) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------